MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 1728/2004

**Duncan Dimech (ID 342276 M) ezercenti l-kummerc bhal Exor Interactive Solutions**

**Pentagon Properties Ltd (C 29347)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta` Settembru, 2004 fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta ` tliet mija u hamsa u sebghin lira (Lm375), rapprezentanti servizzi debitament rezi u ezegwiti fuq xoghol ta` software u fuq website kif inkarigat mis-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta` sekwestru kontestwalment ipprezentat u bl-imghax legali dekorribbli

mill-31 ta` Marzu, 2004, sad-data ta` l-eventwali pagament kontra s-socjeta` konvenuta fejn ir-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 13 ta` Ottubru, 2004 fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens illi hija kellha thalsu biss bil-patt li l-esportazzjoni tad-data tkun saret sewwa; li x-xoghol inkarigat li jaghmel ma giex kompletat tant illi s-socjeta` konvenuta kellha tirrikorri ghal xoghol ulterjuri sabiex l-ezercizzju miftiehem ikun kompletat.

Fl-istess waqt is-socjeta` konvenuta resqet kontro-talba fejn talbet li l-attur jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` Lm248.40, rapprezentanti l-ispejjez inkorsi minnha sabiex jigi ezegwit xoghol ulterjuri halli l-esportazzjoni tad-data ikun kompletat u rez funzjonabbli skond il-ftehim pattwit ma` l-attur a tenur ta` skrittura privata, Dok. A.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kollha inkluz dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 22 ta` Settembru, 2004 u tal-Mandat ta` sekwestru pprezentat fis-6 ta` Ottubru, 2004 kontra l-attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni. Fl-istess kontro-talba, is-socjeta` konvenuta donnha qed taghmel riserva li tipprocedi ghal dan b`talba ohra, liema talba ma saritx fl-odjerna procedura sabiex ma tezorbitax il-kompetenza tat-Tribunal.

Ra r-risposta ta` l-attur ghall-imsemmija kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn fl-ewwel lok eccepixxa l-inkompetenza *ratione valoris* u fit-tieni lok li l-attur ma kienx responsabbli ghal hlas mitlub. Fi kwalunkwe kaz, is-socjeta` konvenuta kellha dejjem tressaq il-prova tal-kwantum mitlub.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti kollha ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Duncan Dimech jispjega li l-ammont minnu mitlub huwa maghmul minn Lm335 ghal xoghol konness ma` kostituzzjoni ta` website debitament ezegwit fit-terminu moghti lilu u kwantu ghal Lm40 bhala valur ta` licenzja sabiex is-socjeta` konvenuta tahdem b’sistema maghrufa bhala property manager. Din il-licenzja kienet tithallas mill-istess attur bir-rata ta` Lm20 fix-xahar u ghalhekk huwa qieghed ifittex lis-socjeta` konvenuta li kienet taghmel uzu minn dan il-programm ghal perjodu ta` xahrejn, cioe` ghal Dicembru, 2003 u Jannar, 2004. Difatti meta s-socjeta` konvenuta ma xtaqitx taghmel aktar uzu minn dan il-programm kien inzamm inkontru bejn il-partijiet fil-prezenza tal-konsulenti legali rispettivi fejn is-socjeta` konvenuta accettat u qablet li thallas lill-attur is-somma hawn mitluba ta` Lm375. Din l-iskrittura giet ezebita mill-attur u mmarkata Dok. DD1 fejn wiehed jinnota li giet iffirmata miz-zewg nahat. A tenur ta` l-istess ftehim, l-attur kien ha l-inkarigu li jesportja d-data ghal fuq il-computer tas-socjeta` konvenuta peress li din ta` l-ahhar kellha zzomm id-database taghha filwaqt li l-attur kellu jiehu lura mieghu l-programm tal-Property Manager. Din l-esportazzjoni tad-data fil-fatt giet kompletata fl-intier minghajr ebda problemi skond l-istess attur. Ghalkemm ic-cheque ta` l-ammont mitlub f’dina l-kawza kien gie ffirmat dak in-nhar stess tal-ftehim mis-socjeta` konvenuta, u mizmum minn Dr. Delia pero` meta tlesta x-xoghol mill-attur l-istess socjeta` bdiet tirrifjuta li tirrilaxxjah peress li bdiet tallega li d-data ma kienx gie esportata fl-ordni kif suppost. L-attur jispjega li sakemm gie biex jesporta din id-data, s-socjeta` konvenuta baqghet qatt ma nfurmatu f`liema ordni xtaqhietha. Huwa jaccerta li d-data esportata hija ghal kollox l-istess data li kien inghata mis-socjeta` konvenuta – xejn izjed u xejn anqas. Wara li lesta minn dan l-inkarigu, l-attur ighid li huwa qatt ma gie nfurmat jew avzat mis-socjeta` konvenuta li xtaqet li jigi ezercitat xi xoghol ulterjuri u ghalhekk ma jistax jifhem ‘il ghala harget kontro-talba kontra tieghu.

Illi minn ezami tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet ezebit a. fol 15 et seq tal-process ghandu jirrizulta rilevanti s-segwenti:-

a) Li s-socjeta` konvenuta kienet qed thallas prezenzjalment lill-attur is-somma ta` Lm335 u ta` Lm40 ghal ammonti "outstanding" li kellha mieghu;

b) Illi d-data kienet giet trasportata mill-attur qabel l-iffirmar ta` l-istess ftehim minghajr hlas;

c) Illi f'kaz li d-data trasportata ma setghetx tintuza mis-socjeta` konvenuta, l-partijiet ftiehmu fuq procedura bil-miktub li kellha ssir entro certu zmien stipulat fejn l-attur kellu jerga` jirritrasporta l-istess data minghajr hlas;

d) Illi s-socjeta` konvenuta ddikjarat li ma kellha ebda pretenzjonijiet ulterjuri fil-konfront ta` l-attur biss fil-kaz li d-data tkun giet trasportata skond is-sengha.

Illi ghalhekk minn dan il-ftehim ghandu jirrizulta li m`ghandu jkun hemm ebda dubbju dwar il-fatt li l-attur jinsab pjenament intitolat li jitlob il-hlasijiet dovuta lilu, liema ammont minnu mitlub gia` suppost kien jinsab fil-pussess tieghu fil-mument ta` l-iffirmar ta` l-iskrittura.

Illi ghalhekk il-kwistjoni li jifdal ghandha tkun biss limitata jekk it-trasport tad-data saritx sewwa o meno u jekk le jekk s-socjeta` konvenuta rrikorritx ghal procedura stabbilita fl-istess ftehim dwar l-eventwali lment taghha fuq tali transport.

Fl-affidavit tieghu, Pierre Galea, ghas-socjeta` konvenuta jsemmi diversi lmenti li affaccja mis-servizz li kien itih l-attur pero` dawn l-ilmenti huma rrilevanti ghal kaz odjern in vista tal-ftehim minnhom iffirmat. Ma jirrizultax lanqas dak allegat minnu li l-hlas ipprezentat kellu jiehdu l-attur biss f'kaz li s-socjeta` konvenuta kienet kuntenta bit-trasport tad-data. Dan il-hlas ma kien b'ebda mod marbut ma` l-ezercizzju tat-trasport.

Ikompli jilmenta l-istess xhud, Galea, illi d-data kienet trasportata b'manjiera tant imharbta li ma setax jaghmel uzu minnha u fil-fatt wiehed mill-esperti teknici tas-

socjeta` konvenuta attira l-attenzjoni ta` l-istess socjeta` b'din il-problema tramite email li giet ezebita bhala Dok. PP2. Ta` min jinnota li din l-email tinsab datata 16 ta` April, 2004 u skond il-kontenut ta` l-istess l-attur kien gie nformat ukoll dwar tali nuqqas. Ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta jispjega li huwa kien informa b'dan lill-attur entro t-terminu stipulat fil-ftehim pero` da parti tieghu l-attur naqas li jirrimedja l-problema affaccjata mill-istess socjeta` bil-konsegwenza li kellha titqabbad terza persuna sabiex tissana x-xoghol mahdum b'mod inkomplet mill-attur, liema xoghol ulterjuri swielhom is-somma ta` Lm248.40 bazati fuq 42 siegha u liema ammont huwa l-meritu tal-kontro-talba.

Antonella Galea, fl-affidavit taghha tikkonferma fis-sustanza dak kollu li kien gia` semma Pierre Galea, fl-affidavit tieghu.

Meta rega` tela` jixhed l-attur, huwa jispjega li l-problema lamentata mis-socjeta` konvenuta nqalghet bazikament minhabba l-fatt li huma baqghu m`ghaddewlux il-format relattiv kif jixtiequ li tigi esportata d-data u difatti Pierre Galea tas-socjeta` konvenuta ddiregieh sabiex jesporta d-data b'liema format xtaq l-attur. L-istess attur jaghmel referenza ghal klawsola 6.2 dwar dan, liema klawsola pero` tghid li "Duncan Dimech has, prior to the signing of this agreement, exported the said data to a …… in accordance with a format specified by Pentagon..". Din id-dikjarazzjoni tfisser li meta sar il-ftehim id-data kienet gia` giet trasportata u dana skond format specifikat mis-socjeta` konvenuta. Illi ghalhekk minn banda wahda, l-attur ma jistax ighid li s-socjeta` konvenuta ma taghtux format u mill-banda l-ohra, s-socjeta` konvenuta kien imissha vverifikat l-ezercizzju maghmul mill-attur qabel ma kkonkludiet il-ftehim. Id-data kollha kienet tinsab registrata fuq CD li gie mghoddi lis-socjeta` konvenuta dak in-nhar tal-ftehim. Dan ix-xhud jammetti pero` li biex d-data tigi in sequence kif xtaqet is-socjeta` konvenuta, kien jehtieg aktar xoghol apparti li jinghataw il-format mixtieq u huma ma ftehmux u ma kienux ser jithalsu ghal tali xoghol extra. Ta` min jirrimarka pero` f'dan l-istadju li skond il-ftehim ta` bejniethom, l-attur kien obbliga ruhu li

jerga` jitrasporta d-data b'mod li tkun funzjonabbli minghajr ebda hlas. Huwa jammetti li d-data ma hiex in sequence (peress li skond hu qatt ma ntalab biex jaghmilha in sequence) pero` ma jaqbilx li d-data esportata ma tistax tintuza. Dan gie kkonfermat minn Dr. Johann Briffa, espert ex parte in materja li pproduca l-attur. Isemmi li d-data transfer kien komplet u ntegru u seta` jinftiehem, kwindi seta` jintuza. Ighid ukoll li ma kienx daqstant importanti s-sequence izda pjuttost aktar il-mod ta` kif tfitxu.

In kontro-ezami, Pierre Galea ghas-socjeta` konvenuta jikkonferma li huwa kien ta struzzjonijiet lill-attur sabiex jesporta d-data f'comma separated values, liema ezercizzju jidher li sehh pero` jinsisti li kien hemm xorta wahda nformazzjoni nieqsa u li tali data ma kinietx in sequence.

Gie notat illi Antonella Galea baqghet ma semmietx kemm taqla` paga mas-socjeta` konvenuta ghalkemm hija kienet l-unika wahda li taghmel xoghol klerikali nkluz l-inputting tad-data fil-computer u ghalkemm l-impjieg taghha huwa wiehed regolari.

Illi ghalhekk kif gia` ssemma hawn fuq jidher li m`ghandu jkun hemm ebda dubbju dwar it-talba ta` l-attur in vista tal-fatt li skond l-istess ftehim ta` bejniethom dawn kienu jirriferu ghal somma ta` flus gia` dovuta.

Illi mill-banda l-ohra dwar l-obbligi assunti mill-istess attur fuq l-istess kuntratt, it-Tribunal huwa tal-fehma li ghalkemm huwa minnu li teknikament huwa seta` ttrasporta d-data kollha tas-socjeta` konvenuta ai termini *ad litteram* tal-ftehim, irrizulta wkoll pero` illi tali data ma setghetx tigi utilizzata mija fil-mija jekk ma jigix dedikat xoghol ulterjuri fuq l-istess sistema kif dal resto jikkonferma l-attur innifsu. Illi ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur naqas li jonora l-ispirtu tal-ftehim iffirmat bejniethom f'dan is-sens.

Illi nonostante dan pero`, is-socjeta` konvenuta naqset bis-shih li ggib prova soddisfacenti dwar kemm swielha

flus biex taghmel tali xoghol ulterjuri. Ssemmi biss li kellhom jutilizzaw 42 siegha li presumibbilment hadmet fihom Antonella Galea, mpjegata ta` l-istess socjeta` konvenuta. Din ta` l-ahhar, kif ukoll zewgha, direttur tas-socjeta` konvenuta nspjegabilment ghazlu li ma jixhdux dwar il-paga ta` Mrs. Galea sabiex dan it-Tribunal ikun jista` jikkonferma il-valur ta` xoghol extra li kienet imgieghla tiddedika s-socjeta` konvenuta ghan-nuqqas ta` l-attur. B'dana kollu pero` t-Tribunal xorta wahda sejjer jillikwida l-ammont ta` sighat extra mahduma mill-impjegata tas-socjeta` konvenuta *arbitrio buon viri* u ghal dan il-ghan qieghed jalloka lis-socjeta` konvenuta s-somma ta` erbgha u tmenin lira kkalkolata bir-rata ta` zewg liri s-siegha.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, kwindi jilqa` t-talba attrici kif dedotta u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-attur, is-somma ta` Lm375, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-13 ta` April, 2004 u bl-ispejjez ghas-socjeta` konvenuta u fit-tieni lok tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-attur ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta nkluz dik tar-*ratione valoris* stante li din il-kontro-talba tinsab limitata ghall-allegata spiza nkorsa mis-socjeta` konvenuta sabiex iwetqu dak ix-xoghol ulterjuri fejn naqas l-attur, kwindi jilqa` l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fis-sens illi jigi ddikjarat li hija ntitolata li tircievi minghand l-attur l-ammont kif likwidat minn dan it-Tribunal fis-somma ta` Lm84 u konsegwentement ghalhekk tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lis-socjeta` konvenuta s-somma hekk likwidata fl-ammont ta` Lm84, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din il-parti tad-decide a karigu ta` l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------